MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 481/2003

**Malta Drydocks f'isimha u ghan-nom ta' Manoel Island Yacht Yard u b'digriet tal-24 ta' Marzu tas-sena 2004 is-socjeta' attrici giet sostitwita b'Saviour Gauci f'isem il-Gvern bhala successur tal-Malta Drydocks**

**vs**

**Roman Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikata datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**
**(1) Ihallas lill-attur is-somma ta' elfejn mija u hamsa u sebghin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (LM2175.75,0) dovuta minnu prezz ta' fornituri, xoghol u servizzi, inkluz storage dues,**

**moghtija u esegwiti fuq inkarigu tieghu, fuq il-yacht Sheila Mae;**

**(2) Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-24 ta’ Lulju tas-sena 2003 u tas-6 ta’ Settembru tas-sena 2003, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv;**

**(3) Il-konvenut ingunt ukoll sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-28 ta’ Ottubru tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi in kwantu li huwa ma hux il-propjetarju tal-yacht Shela Mae u fil-fatt snin hafna ilu huwa kellu dghajsa b’dak l-isem imma dina inbieghet lil terza persuna illum mejjet u l-istess djghajsa intilfet fil-bahar snin ilu;**

**2. Illi fit-tieni lok huwa m’ghandux jaghti ebda ammont lill-attur u qatt ma kellu jaghti ebda ammont;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkunsidrat;**

**Illi fl-udjenza tal-25 ta' Mejju tas-sena 2004 la l-konvenut u lanqas ir-rapprezentant legali tieghu ma dehru nonostante li kienu msejhin diversi drabi u ghalhekk ir-rapprezentant legali tal-attur ipprezenta kapitolu;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Ghaldaqstant billi l-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta' Mejju tas-sena 2004 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------